MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1139/2008

**Avukat Dottor Peter Fenech (I.D. Nru. 67468 M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Nokia Corporation.**

**vs.**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tal-24 ta' April 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta` esportatrici GOANGZHOU AL-BARAKAH FREIGHT CO. LTD U lill-kunsinjatarji TASHAROKAIT ALMANAHEL.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti l-Avukat Peter Fenech (I.D. Nru. 67468 (M) bhala mandatarju specjali

tas-socjeta` estera Nokia Corporation datat 14 ta' Novembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Nokia Corporation ta' Keilalahdentie 4, 02150 Espoo, Finland, sabiex jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom;

Illi s-socjeta` rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati l-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta msejjha 'NOKIA', liema dritt gie registrat f'Malta fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok "NC 1" u "NC 2");

Illi fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CLHU 8672019 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur 'Fifth Ocean' liema vapur kien gej minn Shekou, Cina fi triqtu lejn Misurata, Libya u l-*container* kien fih total ta' tliet mija u sebgha u erbghin elf u seba' mija u hamsin (347,750) accessorji tal-*mobile phones* (Dok "NC 3") kollha bil-marka 'NOKIA', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta' Nokia Corporation gewwa l-Finlandja, fejn gie determinat li dawn l-accessorji tal-*mobiles phones* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u li l-imsemmija *trademarks* ta' Nokia Corporation riprodotti fuq l-istess accessorji tal-*mobiles phones* kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta' Nokia Corporation u r-rapport tal-istess li ser jigi esibit fil-mori tal-kawza;

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa din it-talba li jinzammu dawn l-accessorji tal-*mobile phones*;

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa Tasharokiat Almanahel minn Misurata, Libya u dan skond dak citat fil-polza ta' taghbija numru IRSLAMX1121WIIAT0193 (Dok "NC 4");

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll tal-**artikolu 10 (2) (b) ta' l-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416)** u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 14-19** tal-istess **Kap. 416** u **l-artikoli 7** u **8** tal-istess **Kap. 414**;

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f' tliet mija u sebgha u erbghin elf u seba' mija u hamsin (347,750) accessorji tal-*mobile phones* imsemmija li fuqhom hemm l-marka 'NOKIA', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CLHU 8672019 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile phones*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok "NC 1" u "NC 2");

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-*mobile phones* 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-mobile phones, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija accessorji tal-*mobile phones* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessorji tal-*mobile phones*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 3) u erba' (4) dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. "NC 1" sa Dok. "NC 4" kif jidhru a fol. 5 sa fol. 9 tal-process.

Rat id-digriet datat 24 ta' April 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat in-nota tal-Avukat Dr. Peter Fenech datata 22 ta' April 2009 (fol.16) li permezz taghha pprezenta zewg avvizi li nhargu f' zewg gazzetti lokali; u nota ohra datata 24 ta' April 2009 (fol.24) li permezz taghha pprezenta tliet (4) dokumenti (Dok "NC 5" sa Dok "NC 8").

Rat in-nota attrici datata 24 ta' April 2009 (fol. 24) fejn gew esebiti l-affidavit ta' Dr. Peter Fenech (Dok. "NC5"), l-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. "NC 6"), rapport fuq l-istess oggetti datat l-1 ta' Dicembru 2008 redatt minn Terhi Klemola (Dok. "NC 7") u rapport datat 2 ta' Dicembru 2008 redatt minn Catherine Clark (Dok. "NC 8").

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-2 ta’ Gunju 2009 b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati pprezentata fil-11 ta’ Mejju 2009 a fol. 37 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti u jirrizerva li jossottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti kollha.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 37 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-2 ta’ Gunju 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Peter Fenech ghall-atturi u irrimetta ruhu ghall-provi. Deher Dr. Martin Fenech li ddikjara li ma rcieva ebda risposta mill-intimati. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-10 ta’ Gunju 2009.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CLHU 8672019 li dahal gewwa l-Port Hieles ta’ Marsaxlokk fuq il-vapur Fifth Ocean li kien inhatt fl-17 ta’ Ottubru 2008, liema *container* kien fih total ta' tliet mija u sebgha u erbghin elf u seba’ mija u hamsin (347,750) accessorji tal-*mobile phones* (Dok “NC 3”) kollha bil-marka 'NOKIA', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali u dan kollox kif jirrizulta mill-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 22 ta’ April 2009 (fol. 26).

Illi fil-fatt jirrizulta li l-istess socjeta` attrici hija proprjetarja tal-marka "NOKIA" debitament registrata hawn Malta (Dok. "NC1" u Dok. "NC2") u jirrizulta wkoll li l-oggetti msemmija attwalment mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana huma kontrafatti kif jidher mill-ezamijiet li saru fuq l-istess skont rapporti datati l-ewwel (1) u t-tieni (2) ta' Dicembru 2008 mmarkati Dok. "NC7" u Dok. "NC8" esebiti a fol. 28 u 29 tal-process rispettivament, u kkonfermat mill-affidavit tal-attur *nomine* datat 22 ta' April 2009 (fol. 25) u ghalhekk jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u fil-fatt ma huma bl-ebda mod kontradetti. Ghal din ir-raguni t-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' l-istess, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f' tliet mija u sebgha u erbghin elf u seba' mija u hamsin (347,750) accessorji tal-*mobile phones* imsemmija li fuqhom hemm il-marka 'NOKIA', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CLHU 8672019 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile phones*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok "NC 1" u "NC 2");

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile phones*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet

talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija accessorji tal-*mobile phones* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessorji tal-*mobile phones*.

Bl-ispejjez kontra l-entitajiet intimati b'dan li d-drittijiet tal-kuraturi jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------